MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 2509/1999/2

**Tarcisio u Grace Rapa**

**v.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Illi din hi kawza ta’ ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(l) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), u cioe`, “jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokument tal-kawza”.

Ghall-ahjar intendiment tal-kaz, sejra issa tigi riprodotta s-sentenza shiha li kienet tat din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru, 2010, li tirriproduci t-talbiet tal-attur, l-eccezzjonijiet tal-bank konvenut, u s-sentenza li kienet tat il-prim' awla tal-Qorti Civili, minbarra, naturalment, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lil din il-Qorti ghas-sentenza taghha b'ezitu sfavorevoli ghall-attur issa ritrattand:

"**Il-Qorti:**

"**Preliminari**

"Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju, 2008 fejn dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-atturi u kkundannathom ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza.

"F'dik is-sentenza jinghad hekk:

""F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu għad-danni għax jgħidu illi l-bank konvenut ma waqqafx il-karta ta' kreditu tal-attur minnufih wara li dan għarrfu li nsterqitlu, u għalhekk terzi persuni laħqu nqdew bil-karta u ġibdu flus l-atturi.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-22 ta' Ottubru [*recte*, Diċembru] 1998 l-atturi kienu marru btala f'Nizza, Franza. Fis-26 ta' Diċembru ta' dik is-sena, għal xi l-11.00 *p.m.*, lill-attur insterqitlu l-karta ta' kreditu *Visa Card* li kienet f'portafoll fil-but ta' wara. Hekk kif, xi għaxar minuti wara s-serqa, l-attur intebaħ li l-karta ta' kreditu nsterqitlu, għamel xi għoxrin minuta (fuq it-telefon) jipprova jikkonvinċi lill-operator *E40 ta' Visa International* biex minnufih iwaqqaf il-*Visa card*, iżda għalxejn. Għalhekk l-atturi marru l-Għassa tal-Pulizija (sezzjoni tat-traffiku), xi ħames minuti l-bogħod minn fejn kienu, u, bl-għajnuna tal-pulizija, l-attur qabad mal-*operator E29 ta' Visa International*, li kienet mara, u din minnufih ħadet passi u, żewġ minuti wara, ċemplet lura u għarrfet lill-atturi, li kienu għadhom l-għassa, illi l-*Visa Card* kienet twaqqfet. Mill-ewwel telefonata sakemm l-*operator E29* waqqfet il-karta ta' kreditu għaddew aktar min-nofs siegħa.

“Malli marru lura l-lukanda l-attur ċempel lill-*operator* ta’ *Visa International* tal-Imsida u dan għarrfu illi kienet waslitlu l-awtorizzazzjoni minn *Visa Card International* biex iwaqqfu l-karta ta’ kreditu, iżda għarrfu wkoll illi dak il-ħin stess terzi kienu qegħdin ifittxu li jiġbdu l-flus bil-karta; lill-atturi tahom ukoll il-ħinijiet li fihom bdew jinġibdu l-flus. Dan l-*operator*, iżda, ma għamel xejn biex b’xi mod iwaqqaf dan il-ġbid ta’ flus, u stqarr ma’ l-attur illi dak il-ħin stess terzi kienu qegħdin ifittxu li jiġbdu flus aktar minn kemm kien għad fadal kreditu fil-*Visa Card*.

“Dan juri ċar, tkompli tgħid iċ-ċitazzjoni, illi ebda wieħed mit-tliet *operators* tal-*Visa Card* ma kien għamel dak li kien meħtieġ biex iwaqqaf il-karta ta’ kreditu u, minħabba f’hekk, lill-atturi nsterqitilhom somma ta’ mhux anqas minn elf, ħames mija u tlieta u tletin Lira u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm1,533.43).

“Dan wassal biex l-atturi damu mis-26 ta’ Diċembru 1998 sat-2 ta’ Jannar 1999 bla flus u kellhom joqogħdu l-ħin kollu ġol-lukanda, u għalhekk il-btala tagħhom ġiet rovinata. Kien biss fit-2 ta’ Jannar 1999 li setgħu jiġbru flus mill-bank ta’ Nizza, għalkemm uffiċjal tal-bank konvenut f’Għawdex – ċertu Jack Theuma – kien wegħedhom li jibgħat flus mill-aktar fis minn kont li l-atturi kellhom mal-bank konvenut.

“Billi qegħdin jgħidu illi għal dan in-nuqqas għandu jwieġeb il-bank konvenut, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-Qorti:

“1. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb talli, minħabba “traskuraġni grassa u inkompetenza kbira”, naqas milli jwaqqaf il-*Visa Card* għal ħin ta’ mhux inqas minn tnejn u erbgħin (42) minuta mill-11.03 *p.m*. sa 11.45 *p.m.*;

“2. tgħid illi l-konvenut għalhekk għandu jwieġeb għad-danni kollha li ġarrbu l-atturi, fosthom iżda mhux biss it-telf ta’ elf, ħames mija u tlieta u tletin Lira u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm1,533.43) – daqs tlett elef, ħames mija u wieħed u sebgħin Lira u tlieta u disgħin ċenteżmu

(€3,571.93) – jew somma oħra aktar preċiża, u wkoll id-danni kollha li l-atturi ġarrbu waqt il-btala;

“3. tillikwida dawn id-danni; u

“4. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ ittra uffiċjali tal-21 ta’ Mejju 1999.

“Il-bank konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

“1. il-bank konvenut ma jweġibx għad-danni għax kif jidher minn dak li jingħad fiċ-ċitazzjoni – jekk huwa minnu – kull dewmien biex twaqqfet il-*Visa card* taħti għalih is-soċjetà barranija *Visa International*;

“2. kull ġbid ta’ flus imsemmi fiċ-ċitazzjoni sar minn *automatic teller machine* u bl-użu ta’ *PIN (personal identification number)* li l-atturi ntrabtu mal-konvenut li jżommu sigriet; għalhekk kull ġbid ta’ flus b’dak il-*PIN,* ukoll jekk mhux mill-atturi stess, iwieġbu għalih l-atturi;

“3. b’seħħ minn meta l-bank konvenut kien mgħarraf bis-serqa tal-card ma tħalla li jsir ebda ġbid ta’ flus mill-istess kont.

“Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

“Il-bank konvenut kien ħareġ karta ta’ kreditu Visa favur l-attur. Il-karta kellha limitu ta’ kreditu ta’ ħames mitt Lira (Lm500) – daqs elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) – iżda l-attur iddepożita elf lira (Lm1,000) – daqs elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) – minn tiegħu fil-kont tal-karta biex hekk il-limitu tela’ għal elf u ħames mitt Lira (Lm1,500) – daqs tlett elef, erba’ mija u erbgħa u disgħin Euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06).

“Fit-22 ta’ Diċembru 1998 l-attur siefer għal btala ma’ martu l-attriċi u marru Nizza. Hemmhekk kien jinqeda bil-karta ta’ kreditu biex jiġbed flus – dak iż-żmien franki franċiżi – minn *automatic teller machines (ATM).*

"Ġara li fis-26 ta' Diċembru 1998, għal xi l-ħdax ta' filgħaxija (11.00 *p.m.*) l-attur ġibed xi flus minn *ATM f'casinò*. Dak il-ħin, wara li kien ġibed il-flus u qiegħedhom flimkien mal-karta fil-portafoll daru miegħu tlett irġiel u serqulu l-portafoll bil-karta ta' kreditu u l-flus b'kollox. Milli jidher dawn b'xi mod kienu rawh idaħħal il-*PIN* meta kien qiegħed jiġbed il-flus u għalhekk setgħu issa jinqdew bil-karta tal-attur biex jiġbdu flus huma wkoll.

"L-attur intebaħ bis-serqa bejn ħames u għaxar minuti wara. Minnufih mar jgħarraf lill-uffiċjali tas-sigurtà tal-*casinò* u dawn qabbduh bit-telefonu ma' *operator* ta' *Visa International* biex l-attur ikun jista' jgħarrfu bis-serqa u jgħidlu jwaqqaf il-karta. Wara li dam xi għoxrin minuta fuq il-linja ma' dan l-*operator* l-attur intebaħ illi l-*operator* jew ma kienx jaf jew ma riedx jaqdih. Għalhekk l-uffiċjali tas-sigurtà tal-*casinò* bagħtuh jagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija tat-Traffiku, li kienet xi ħames minuti bogħod. L-attur għarraf lill-pulizija b'dak li ġaralu u l-pulizija reġgħu qabbduh ma' *operator* ieħor tal-*Visa International*. Din id-darba l-*operator* – li kienet mara – qdietu u wara xi ħames minuti qaltlu li kienet sejra tavża lil *operator* f'Malta biex iwaqqaflu l-karta.

"Sakemm sar dan kollu – l-attur intebaħ bis-serqa bejn il-ħdax u ħamsa u l-ħdax u għaxra ta' filgħaxija (11.05-11.10 *p.m.*), għadda xi ftit ħin sakemm sab l-uffiċjali tas-sigurtà u fissrilhom x'ġara u ftit ħin ieħor sakemm qabbduh ma' l-ewwel *operator* ta' *Visa International*, u laħqu saru bejn il-ħdax u kwart u l-ħdax u għoxrin (11.15-11.20 *p.m.*); għaddew għoxrin minuta oħra sakemm l-attur fittex, għalxejn, li jfiehem lill-*operator* x'ried, u laħqu saru bejn il-ħdax u nofs u ħamsa u nofsillejl neqsin għoxrin (11.35-11.40 *p.m.*); għadda ftit ħin ieħor sakemm mar l-Għassa tal-Pulizija, sakemm reġgħu qabbduh ma' *operator* ieħor ta' *Visa International* u sakemm fehemha x'ġara – il-ħin qabeż sew nofsillejl neqsin kwart (11.45 *p.m.*), u x'aktarx qorob nofsillejl, jekk mhux aktar tard ukoll.

"It-tieni *operator* ta' *Visa International* ma waqqfitx il-karta hi iżda bagħtet *fax*[1] lill-bank konvenut f'Malta. Il-ħin tat-trasmissjoni ta' din il-*fax* huwa muri fuqha stess bħala 23:17:40 – il-ħdax, sbatax-il minuta u erbgħin sekonda. Dan il-ħin, stampat mill-makna ta' min bagħat il-*fax* mill-Istati Uniti u mhux mill-makna ta' min irċeviha f'Malta, ma jistax ikun ħin lokali ta' Malta (*Central European Time*, li huwa l-istess bħal ta' Franza) għax, skond ir-rakkont tal-attur stess, sal-ħdax u sbatax il-minuta ħin lokali l-attur lanqas kien għadu għamel kuntatt mat-tieni *operator*, dik li bagħtet il-*fax*. Lanqas ma huwa xi ħin fl-Istati Uniti għax hemm differenza kbira wisq. Tidher għalhekk raġjonevoli – u taqbel mal-fatti – il-verżjoni tal-bank konvenut illi *Visa International*, li hija organizzazzjoni b'attività f'kull parti tad-dinja, timxi fuq *Greenwich Mean Time* li huwa *standard* internazzjonali.

"Għalhekk il-bank konvenut irċieva b'*fax* l-istruzzjonijiet biex iwaqqaf il-karta f'nofsillejl u sbatax-il minuta (00.17 *CET* jew 23:17 *GMT*). Dan jaqbel ma' dak li rajna fuq, illi x'aktarx li qorob nofsillejl meta l-attur kellem lit-tieni *operator* fehemha x'ġara u din ħejjiet il-fax u bagħtitha Malta.

"Il-bank konvenut, għalhekk, ma jistax ikun mistenni li jwieġeb għal dak li ġara qabel nofsillejl u sbatax-il minuta ħin ta' Malta (00.17 *CET*).

"Ir-*record* ta' negozji bil-karta ta' kreditu[2], miżmuma fuq is-sistema tal-bank konvenut f'Malta u li għalhekk juru l-ħin ta' Malta[3], juru illi l-ġbid ta' flus li dwaru saret il-kawża sar bejn il-ħdax u tliet minuti u nofsillejl neqsin kwart (11.02-11.45 *p.m. CET*), kif wara kollox tgħid iċ-ċitazzjoni stess fl-ewwel talba. Dan il-ġbid sar qabel ma l-bank konvenut kien mgħarraf bis-serqa u għalhekk ma seta' jagħmel xejn dwarhom, ladarba l-ħallelin b'xi mod kienu saru jafu l-*PIN* tal-attur.

---

1 *Fol*. 41.

2 *Fol*. 44.

3 Ara x-xhieda ta' Raphael Vassallo fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2001, *fol*. 50.

"Tassew illi l-attur kompla jgħid illi, wara li għamel ir-rapport fl-Għassa tal-Pulizija tat-Traffiku, mar jagħmel rapport ieħor formali fl-Għassa tal-Pulizija tad-distrett u mbagħad mar lura l-lukanda – u sa dan il-ħin laħaq qabeż sew nofsillejl – u fil-lukanda sab messaġġ biex iċempel lill-fergħa tal-Imsida tal-bank konvenut. Ċempel u min wieġbu fil-bank qallu li dak il-ħin stess kien qiegħed isir tentattiv ta' ġbid ta' aktar flus bil-karta tiegħu.

"Ukoll jekk tassew ġara hekk, dan it-tentattiv ma jidhirx li rnexxa, x'aktarx kemm għax intlaħaq il-limitu tal-kreditu fuq il-karta u kemm għax il-bank konvenut tassew waqqaf il-karta, u mir-*record* ma jidhirx li nġibdu aktar flus wara nofsillejl.

"L-iżball tal-attur kien illi biex waqqaf il-karta ta' kreditu ikkomunika ma' *Visa International* – li ma ntweriex li hija aġent tal-bank konvenut għal dan il-għan – flok ma kkomunika direttament mal-bank, u hekk ħela ħafna ħin.

"Għalhekk it-talba għad-danni talli l-bank konvenut ma waqqafx il-karta filwaqt ma tistax tintlaqa'.

"L-attur kompla jgħid illi meta sab ruħu bla flus u bla karta ta' kreditu talab lill-bank konvenut jibgħatlu aktar flus minn kont ieħor, iżda dawn il-flus damu sat-2 ta' Jannar 1999 biex waslu. F'dan iż-żmien kollu l-atturi ma setgħu jonfqu xejn u ma setgħu jixtru xejn, u għalhekk kellhom jibqgħu fil-lukanda u b'hekk il-btala kienet rovinata. L-atturi qegħdin jgħidu li għal dan id-dewmien jaħti l-bank konvenut, li għalhekk għandu jagħmel tajjeb għad-danni minħabba l-btala rovinata.

"Li ma qalx l-attur – u li ħareġ wara waqt il-kontro-eżami – hu li l-għada tas-serqa, fis-27 ta' Diċembru 1998 filgħaxijia, kienu waslulhom daqs tliet mitt Lira (Lm300) mingħand oħt l-attriċi[4]. Għalhekk ir-rakkont li l-atturi għamlu mis-27 ta' Diċembru 1998 sat-2 ta' Jannar 1999 maqfula ġol-kamra tal-lukanda bla sold fil-but huwa x'aktarx esaġġerat u ma għandux mis-sewwa.

---

[4] Ara x-xhieda tal-attur Tarcisio Rapa fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2002, *fol.* 156.

"Barra minn hekk, mix-xhieda ħareġ ukoll illi l-bank konvenut ħa ħsieb illi jibgħat aktar flus lill-atturi bla dewmien żejjed. Jack Theuma, *manager* tal-fergħa fejn għandu l-kont il-konvenut, xehed illi fit-28 ta' Diċembru 1998, li kien it-Tnejn, saritlu talba għal flus mill-konvenuti u l-għada, it-Tlieta 29 ta' Diċembru, il-flus intbagħtu l-*head office* f'Pariġi tas-soċjetà bankarja *Société Générale* b'istruzzjonijiet li jintbagħtu l-fergħa ta' Nizza biex l-attur ikun jista' jiġbidhom minn hemm[5]. Id-dewmien sat-2 ta' Jannar 1999 kien sakemm is-soċjetà Franċiża wasslet il-flus minn Pariġi sa Nizza, u għal dan, naturalment, ma jweġibx il-bank konvenut.

"Billi għalhekk ma kien hemm ebda nuqqas min-naħa tal-bank konvenut, la biex waqqaf il-karta ta' kreditu tal-attur wara li kien mgħarraf bis-serqa, u lanqas biex bagħat aktar flus lill-atturi, it-talbiet magħmula mill-atturi ma jistgħux jintlaqgħu.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-atturi u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.""

"**L-appell tal-konvenut.**

"L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fil-15 ta' Lulju, 2008 talbu li din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza msemmija u tilqa' t-talbiet taghom – bl-ispejjez.

"Il-bank konvenut appellat ipprezenta risposta fit-28 ta' Lulju, 2008 fejn, filwaqt li ddikjara li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, talab li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

"**Il-fatti tal-kaz.**

5 Ara x-xhieda ta' Jack Theuma fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2001, *foll.* 74 *et seqq.*

“Il-fatti tal-kaz huma ben riportati fis-sentenza appellata u ghalhekk a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghal dak hemm riportat, jinghad biss li din il-kawza tikkoncerna talba ghad-danni li qed issir minn klienti tas-socjeta` konvenuta billi jsostnu li wara li l-karta ta’ kreditu tal-attur giet misruqa meta kienu btala barra minn Malta l-istess Bank konvenut naqas li jwaqqaf l-istess karta ta’ kreditu *in tempo* biex jigi evitat li din tintuza minn terzi, kif effettivament gara. Inoltre l-atturi jsostnu li sofrew danni ulterjuri minhabba dewmien fit-trasferiment ta’ flus mill-bank konvenut.

“Fir-rikors tal-appell taghhom l-atturi resqu hames aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn huma fis-sens:

a) “Li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti dwar il-hin meta effettivament sar ir-rapport.

b) “Li l-provi juru li l-atturi kienu ghamlu sehemhom dwar ir-rapport u kien il-bank konvenut li ma hax il-passi biex jwaqqaf l-uzu tal-istess *card*.

c) “Li jekk kien hemm dewmien mill-VISA International jew mill-Bank l-atturi ma ghandhomx ibatu.

d) “Li n-nuqqas ta’ *records* tal-bank jimmilita kontra t-tezi tal-istess Bank.

e) “Li dwar it-talba ghad-danni minhabba dewmien fit-trasferiment ta’ fondi hemm provi sufficjenti li juru li l-Bank naqas.

“**Ikkunsidrat:**

“Fl-ewwel talba attrici il-bank konvenut qed jintalab li jwiegeb ghad-danni minhabba *traskuragni grassa u inkompetenza* meta naqas li jwaqqaf il-*Visa Card* tal-attur li kienet insterqet u dan ghal hin ta’ mhux inqas minn tnejn u erbghin minuta. Fic-citazzjoni hemm indikat hin determinat billi qed jigi allegat li dan in-nuqqas sehh bejn il-11:03pm u l-11:45pm tal-lejl tas-26 ta’ Dicembru, 1998.

“L-ewwel Qorti sabet li l-bank konvenut ma setax jinzamm responsabbli stante li, mill-provi rizultanti, kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kien jidher li lill-bank l-istruzzjonijiet biex dan iwaqqaf ossia jibblokka l-istess *Visa Card* waslulu tardivament u cioe` wara li l-flus kienu gia` ngibdu mill-ATM permezz tal-istess karta ta’ kreditu tal-attur.

“Waqt is-smigh tal-kawza saru tentattivi biex tingieb prova partikolari permezz ta’ rapprezentant tal-VISA International anke b’mistoqsijiet rogatorjali liema prova tikkoncerna l-hin li l-Bank konvenut gie mgharraf mis-socjeta` VISA International dwar is-serqa tal-karta ta’ kreditu tal-attur. Din il-prova pero` ma saritx billi l-atti relattivi ntilfu f’xi dipartiment jew iehor.

“Jirrizulta li l-VISA International baghtet Fax lis-socjeta` konvenuta fis-26 ta’ Dicembru, 1998 fejn informata bl-akkadut li kien gie rapportat lilha mill-attur. Inqala certu disgwid dwar jekk il-hin muri fuq l-istess Fax u cioe` il-hdax sbatax il-minuta u erbghin sekonda ta’ bil-lejl (23:17:40) kienx il-hin lokali u cioe` Central European Time, kif kien qed jallega l-attur jew Greenwich Mean Time, kif kien qed jirritejni l-bank konvenut. Dan il-fatt kien ta’ rilevanza minhabba l-aspett tal-“immedjatezza” tar-rapportagg lill-bank konvenut biex jigi determinat jekk il-flus li naqsu mill-kont tal-attur, kienx tort ta’ nuqqas ta’ azzjoni da parti tal-istess Bank. Infatti jekk kellha tipprevali t-tezi attrici jkun jirrizulta li l-bank konvenut kienx gie nfurmat immedjatament hekk kif insterqet l-karta ta’ kreditu tal-attur b’dan li l-*withdrawals* kollha li saru kienu jirrizultaw wara li sar dan ir-rapport u ghalhekk il-flus ikunu gew zbankati minhabba nuqqas tal-bank li jibblokka l-karta ta’ kreditu. Ghal kuntrarju jekk tipprevali s-sottomissjoni tal-bank jigi li l-avviz nghata lill-bank wara nofsilejl u ghalhekk wara li jkunu ngibdu l-flus.

“L-ewwel Qorti irriteniet dak li kien qed jghid il-Bank konvenut u cioe` li l-hin 23:17:40 kien jirraprezenta Greenwich Mean Time. Dan ifisser li meta waslet l-Fax ghand il-Bank il-hin f’Malta kien 00:17:40 tas-27 ta’ Dicembru 1998 u dan billi Central European Time qieghed

siegha izjed 'il quddiem minn Greenwich. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni billi ezaminat ix-xhieda partikolarment dik tal-attur minn fejn jirrizulta li r-rapport lil Visa International kien sar xi hin wara l-hdax u kwart hin lokali u ghalhekk bil-fors l-Fax kien sar wara dan.

"Din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti dwar l-interpretazzjoni tal-hin indikat fuq id-Dokument RV1 a fol. 41 tal-process u dan mhux biss fuq il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti izda billi mill-verbal redatt fl-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2008 jidher li kien hemm qbil bejn il-kontendenti li l-hin indikat fil-Fax in kwistjoni kien Greenwich Mean Time. F'dak il-verbal hemm dikjarat hekk: *"Il-partijiet jaqblu illi d-dokumenti esebiti mar-rikors tal-15 ta' Jannar, 2008 a fol. 302 et seqq. jistghu jidhlu fil-process u jaqblu wkoll illi l-hin muri fuq dawk id-dokumenti huwa GMT."* Kopja tal-Fax li jinsab a fol. 41 Dok RVI tinsab anness mar-rikors imsemmi tal-15 ta' Jannar, 2008.

"Jidher ghalhekk li l-Bank konvenut gie notifikat bis-serqa tal-karta ta' kreditu wara li l-flus kienu ngibdu mill-kont tal-attur, ghalhekk kif irriteniet l-ewwel Qorti, il-bank konvenut ma seta' qatt jinzamm responsabbli, in linea ta' danni, minhabba xi *"traskuragni grassa u inkompetenza kbira"* kif allegat mill-atturi billi din it-traskuragni jew inkompetenza ma tirrizultax.

"Jigi enfasizzat f'dan il-kuntest li rapporti li saru mill-attur lill-Visa International jew lill-Pulizija, bl-ebda mod ma jagevolaw lill-attur billi fl-ewwel lok ma jirrizultax u lanqas ma ngiebet prova li l-Visa International hija agent tal-bank konvenut u fit-tieni lok il-Conditions if Use – Credit Agreement (Dok. SM1 fol. 43 tal-process) iffirmat mill-partijiet fl-okkazzjoni tal-hrug tal-karta ta' kreditu favur l-attur jispecifikaw espressament (klawsola 9) li huwa l-Bank konvenut li ghandu jigi notifikat immedjatament u hadd iehor, tant hu hekk li sew f'dan id-dokument kif ukoll fil-Visa Card Statements esebiti jinghata numru tat-telefon biex jsir rapport f'kaz ta' serqa tal-karta ta' kreditu u jinghad ukoll, f'dawn id-dokumenti li alternattivament kull rapport ghandu jsir lil bank li juri l-marka tal-VISA jew Master Card.  L-attur ghalhekk jidher li naqas meta

nforma lis-socjeta` internazzjonali jew lill-pulizija u mhux lill-istess bank konvenut hlief wara li kienu gew zbankati l-flejjes mill-kont tieghu. Ghalhekk dik il-parti tas-sentenza li tittratta dan l-aspett tal-kawza qed tigi konfermata.

“**Ikkunsidrat:**

“L-atturi jikkontendu wkoll li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta cahdet it-talba taghhom ghad-danni minhabba dewmien tal-bank konvenut li jittrasmetti flus biex huma jkun jistghu jgawdu l-btala taghhom. Huma jghidu li l-bank konvenut dam hamest ijiem biex jezegwixxi t-talba taghhom u ghalhekk, indipendentement minn dak li gara, il-bank ghandu jirrispondi.

“Fuq dan l-aspett tal-kwistjoni huwa rilevanti li jigi riprodott dak li qalet l-ewwel Qorti. Din qalet hekk: *“L-attur kompla jghid illi meta sab ruhu bla flus u bla karta ta’ kreditu talab lill-bank konvenut jibghatlu aktar flus minn kont iehor, izda dawn il-flus damu sat-2 ta’ Jannar 1999 biex waslu. F’dan iz-zmien kollu l-atturi ma setghu jonfqu xejn u ma setghu jixtru xejn, u ghalhekk kellhom jibqghu fil-lukanda u b’hekk il-btala kienet rovinata. L-atturi qeghdin jghidu li ghal dan id-dewmien jahti l-bank konvenut, li ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni minhabba l-btala rovinata. Li ma qalx l-attur – u li hareg wara waqt il-kontro-ezami – hu li l-ghada tas-serqa, fis-27 ta’ Dicembru 1998 filghaxija, kienu waslulhom daqs tliet mitt lira (Lm300) minghand oht l-attrici. Ghalhekk ir-rakkont li l-atturi ghamlu mis-27 ta’ Dicembru 1998 sat-2 ta’ Jannar 1999 maqfula gol-kamra tal-lukanda bla sold fil-but huwa x’aktarx esaggerat u ma ghandux mis-sewwa. Barra minnhekk, mix-xhieda hareg ukoll illi l-bank ha hsieb illi jibghat aktar flus lill-atturi bla dewmien zejjed. Jack Theuma, manager tal-fergha fejn ghandu l-kont il-konvenut, xehed illi fit-28 ta’ Dicembru 1998, li kien it-Tnejn, saritlu talba ghal flus mill-konvenuti u l-ghada, it-Tlieta 29 ta’ Dicembru, il-flus intbghatu l-head office f’Parigi tas-socjeta` bankarja Societe Generale b’istruzzjonijiet li jintbghatu l-fergha ta’ Nizza biex l-attur jkun jista’ jigbidhom minn hemm. Id-dewmien sat-2 ta’ Jannar 1999 kien sakemm is-socjeta` franciza wasslet il-*

*flus minn Parigi sa Nizza u ghal dan, naturalment, ma jwegibx il-bank konvenut.*"

"Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-kostatazzjonijiet tal-ewwel Qorti u ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tvarja l-konkluzzjoni raggunta minn dik il-Qorti meta, anke f'dan l-aspett tal-vertenza cahdet it-talba attrici. Jibda biex jinghad li t-talba attrici ghad-danni accidentali hija marbuta mal-fatt li l-btala giet rovinata. Issa jekk, kif fil-fatt irrizulta, l-atturi kellhom fondi ohra, irrispettivament mid-dewmien, jekk kien hemm, da parti tal-bank, l-istess atturi ma jistghux jallegaw li ma setghux igawdu l-btala taghhom. Inoltre jekk kien hemm xi dewmien, fl-ewwel lok dan ma jirrizultax li kien min-naha tal-bank konvenut u fi kwalunkwe kaz trid tittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li t-talba saret u l-flus gew trasmessi fil-granet festivi u mhux haga eccezzjonali li dawn ma setghux jigu irtirati immedjatament hekk kif gew trasmessi billi huwa risaput li fl-ahhar tas-sena u l-gurnata tal-ewwel tas-sena s-servizzi bankarji, bhal kull negozju iehor, ikunu jew limitati hafna jew ma jiffunzjonawx. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

"Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-atturi qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha kontra l-atturi appellanti."

L-attur qed jitlob is-smiegh mill-gdid tal-kaz peress illi, skont hu, din il-Qorti, fis-sentenza precedenti taghha, ma qiesetx sew il-klawsola numru 9 tal-kuntratt. Jirrizulta, pero`, bhala fatt li din il-Qorti kkunsidrat din il-klawsola (tant li anke ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-partijiet ikunu jistghu jressqu s-sottomissjonijiet taghhom specifikament dwar din il-klawsola), u jekk ir-ritrattand ma jaqbilx mal-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lil dik il-klawsola, ma jistax, xorta wahda, jitlob li l-kaz jinstema' mill-gdid. Din il-Qorti tal-Appell ma tistax tigi mibdula f'qorti tat-tielet grad, u kawza li ghaddiet in gudikat ma tistax terga' tinfetah jekk mhux ghar-ragunijiet indikati espressament fil-ligi, li jridu jinghataw interpretazzjoni restrittiva.

Issa l-Artikolu 811(l), fil-provisio tieghu, espressament jghid li ma hemmx zball jekk il-fatt ikun punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza. Fil-kawza **Mifsud v. Zahra**, deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Gunju, 1954 intqal illi biex l-izball ta' fatt jaghti lok ghar-revoka tas-sentenza jehtieg li jikkoezistu dawn il-hames prerekwiziti:
"1. Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;

"2. Illi l-izball jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova tal-izball;

"3. Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cioe`, li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b'mod li jkun jidher prodott eskluzzivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;

"4. Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza; u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizzjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata;

"5. Illi l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjata."

F'dan il-kaz, il-punt kontestat kien, appuntu, l-interpretazzjoni tal-klawsola numru 9, apparti kwistjonijiet ohra. Kif jissottometti r-ritrattand, din il-klawsola tghid li, f'kaz ta' telf tal-credit card barra minn Malta, hu seta' jirrapporta f'kull bank li jkollu tabella tal-VISA. Dan innutatu din il-Qorti meta osservat li, f'kaz ta' telf tal-Card, il-Bank kien ipprovda diversi numri tat-telefon fejn kellu jigi iikkuntattjat, u "alternattivament kull rapport ghandu jsir lil bank li juri l-marka tal-VISA jew Master Card". Din il-Qorti kompliet tosserva, pero`, li r-ritrattand ma ghamel xejn minn dan ghax flok avvicina bank, jew cempel lill-bank

ritrattat hawn Malta, cempel lill-VISA International li ma kenitx hi direttament li harget il-Card fuq isem ir-ritrattand. Il-klawsola 9 tal-kuntratt bejn il-partijiet jghid b'mod car li f'kaz li l-Card tintilef jew tinsteraq, ir-ritrattand kellu jinforma lill-BOV Card Centre hawn Malta, jew kwalunkwe bank iehor esteru – (u mhux xi istituzzjoni ohra) li jkollu l-marka tal-VISA; jekk issir tali notifika, il-klijent ikun responsabbli biss ghal Lm25 f'kaz li xi terzi juzaw il-Card b'mod illecitu. F'dan il-kaz, in-notifika lill-bank saret wara li kienu ttiehdu flus mill-kont tar-ritrattand, u allura l-Bank of Valletta ma jistax jitqies responsabbli. It-termini tal-kuntratt huma cari, u dak li ghamlet din il-Qorti fis-sentenza precedenti taghha hi li qieset il-fatti fit-termini ta' dak li jipprovdi l-kuntratt. Ma jirrizultax li VISA International hija, ghal dan il-fini, agent tal-Bank of Valletta p.l.c., u t-telefonati li seta' ghamel lilha l-klijent, ma jistghux jitqiesu li ssodisfaw il-vot tal-kuntratt.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mir-rikors ta' Tarcisio u Grace Rapa billi tichad it-talba ghat-thassir tas-sentenza li tat din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru, 2010, u ghas-smiegh mill-gdid tal-kaz.

L-ispejjez jithallsu mill-ritrattandi konjugi Rapa in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------